## 13 ta' Marzu, 1954.

**Imhallef :**
**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Giuseppe Fenech versus Avukat Dr. Antonio Caruana**

**Ratizzazzjoni ta' Spejjeż — Board tal-Kera — Kompetenza — Depożitu.**

*It-tribunal kompetenti biex jieħu konjizzjoni ta' talba għall-approvazzjoni ta' ratizzazzjoni ta' spejjeż li saru fi proċeduri quddiem il-Board tal-Kera huwa t-tribunal ordinarju, u mhux il-Board tal-Kera.*

*Ma jaqjutax dan il-prinċipju l-fatt li l-parti li topponi dik ir-ratizzazzjoni tkun iddepożitat is-somma li jidhrilha li hija doruta taħt l-awtorità tal-Qorti ordinarja. Depożitu simili ma jirradikax il-kompetenza tat-tribunal ordinarju; għax min jitlob ir-ratizzazzjoni mhux talli ma jkunx qiegħed jitlob l-iżbank ta' dak id-depożitu, jew jagħmel kwistjonijiet fuqu, imma anzi jkun qiegħed impliċitament jippreskindi minnu, meta fit-talba jadopera l-kliem "inattiż id-depożitu".*

*Lanqas ma tista' tiġi argumentata minn depożitu simili s-sottomissjoni tad-depożitant għall-Qorti li taħt l-awtorità tagħha jkun sar id-depożitu; għax si tratta ta' kompetenza "per materia", li hija ta' ordni pubbliku, u mhix rinunzjabbli.*

*Imma kawża ta' ratizzazzjoni ta' spejjeż inkorsi fi proċeduri li saru quddiem il-Board tal-Kera hija ta' natura tali li ma tidħolx, la fl-iskop ġenerali tal-liġi tal-kera, u lanqas fl-iskopijiet speċifiċi li jidhru mid-dispożizzjonijiet ta' l-istess liġi; u għalhekk kawża simili tidħol fil-kompetenza tat-tribunal ordinarju, indipendentement mill-fatt li taħt l-awtorità tat-tribunal ordinarju jkun sar*

*id-depożitu fuq imsemmi. U dan meta l-Board tal-Kera kien ivestit mill-poter li jeżerċita ... tiegħu, u l-approvazzjoni tar-ratizzazzjoni kien preordinata għal dik l-eżekuzzjoni.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut li jiġi approvata r-ratizzazzjoni — Dok. "R" — annessa ma' l-avviż, ta' l-ispejjeż li saru fiż-żewġ rikorsi quddiem il-Board tal-Kera fl-ismijiet "Giuseppe Fenech vs. Avv. Dr. Antonio Caruana" u "Avukat Dr. Antonio Caruana vs. Giuseppe Fenech", deċiżi fis-17 ta' Settembru 1952, u mbagħad mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Reġina fil-15 ta' Diċembru 1952 — liema ratizzazzjoni kienet ġiet eżibita bl-ittra uffiċjali tal-11 ta' April 1953; u biex il-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ammont ta' £7. 15. 9½ li jirriżulta minn dik ir-ratizzazzjoni (bażata u magħmula fuq iż-żewġ taxxi Dok. A u B annessi ma' l-avviż); u dana inkwantu id-depożitu ta' £6. 15. 10¾ magħmul mill-konvenut a favur ta' l-attur b'ċedola taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti tal-25 ta' April 1953. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Diċembru 1953, li biha laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenut, u ddikjarat ruħha inkompetenti, u għalhekk astieniet milli tieħu konjizzjoni tad-domanda, u ordnat li l-ispejjeż, stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa, dritt tar-Reġistru a kariku ta' l-attur; billi dik il-Qorti kkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza;

Illi l-attur, fost raġunijiet oħra, isostni li din il-Qorti hija kompetenti minħabba d-depożitu li l-konvenut għamel taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti;

Illi dina s-sottomissjoni ta' l-attur ma tistax tiġi akkolta. Infatti l-art. 774 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jissanċixxi bħala regola illi s-sitwazzjoni ta' l-oġġett tal-kawża ma tirradikax il-kompetenza; iżda meta jkun li min depożitu, id-domanda għall-konsegwiment ta' dak id-depożitu għandha ssir quddiem il-Qorti li taħt l-awtorità tagħha ġie magħmul id-depożitu. Għalhekk il-kawża li tagħha tkun kompetenti l-Qorti "ratione depositi" hija biss, skond il-liġi, dik għall-konsegwiment tad-depożitu, u ebda domanda oħra; u dan il-

dispożizzjoni, bhala deroganti għall-prinċipju ġenerali sanċit fl-ewwel parti ta' l-art. 774 fuq imsemmi, ma tistax tiġi estiża għal każi oħra, anki analogi. Issa, id-domanda attwali ma hix għall-konsegwiment tas-somma depożitata biċ-ċedola imsemmija fl-avviż, imma għall-approvazzjoni ta' ratizzazzjoni u għall-kundanna fl-ammont imsemmi fir-ratizzazzjoni. Anzi jingħad espressament illi dik id-domanda qiegħda ssir inattiż dak id-depożitu;

Illi l-konvenut isostni l-eċċezzjoni tiegħu fuq ir-rifless illi l-azzjoni odjerna hija intiża biex tagħti eżekuzzjoni għal sentenza tal-Board li jirregola l-Kera, u għalhekk ta' kompetenza ta' dak il-Board;

Illi l-art. 221 tal-Proċedura Ċivili jiddisponi illi kull sentenza definitiva għandha tikkundanna s-sokkombent fl-ispejjeż. Similment, l-art. 41 tal-Kap. 109 igħid illi l-ispejjeż talproċedura jbatuhom il-partijiet jew waħda mill-partijiet kif jiddeċidi l-Board. Issa, ma jista' jkun hemm ebda dubju illi din il-kundanna fl-ispejjeż hija parti mis-sentenza, u eżegwibili mill-istess organu ġudizzjarju li jkun emanaha; anzi, kif igħidu, fost proċeduristi oħra, Boitard, Berriot, u Boncenne (Tom. II, p. 242), id-debitu għall-ispejjeż ġudizzjarji, proprjament tali, huwa l-prodott ta' fatt ġdid, ċjoè s-sentenza, u mhux l-aċċessorju tad-debitu stipulat;

Illi l-art. 262 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddisponi illi l-eżekuzzjoni tas-sentenzi ssir mill-Qorti li tkun emanathom. Issa, kif igħid il-Mattirolo (Diritto Giudiziario Civile) Vol. IV, p. 180: — "La condanna di uno dei litiganti nelle spese del giudizio consta di due parti: 1. La condanna generica di uno dei contendenti nella totalità o in una data quota delle spese; 2. la liquidazione di queste spese, ossia la determinazione della cifra a cui ascendono le spese poste a carico del soccombente". Huwa veru li fis-sistema tal-liġi Taljana l-likwidazzjoni ssir mill-Qorti stess, jew fl-istess sentenza jew minn wieħed mill-imħallfin li jiġi ddelegat mill-Qorti biex jillikwida dawn l-ispejjeż, mentri fis-sistema tagħna huwa r-reġistratur li jintaxxa l-ispejjeż u li joħroġ it-taxxa ta' l-ispejjeż: però huwa fatt illi l-kundanna għall-ispejjeż tibqa' dejjem kontenuta fis-sentenza, u min irid jirrimborża ruħu

mill-ispejjeż jeżegwixxi s-sentenza, u mhux it-taxxa, li ma taghmilx hag'ohra hlief tikkonstata kemm huma l-ispejjeż (ara P.A. 29 ta' Mejju 1945, "Caucbi vs. Spiteri", XXXII—II—140);

Illi, similment, meta jkun hemm lok ghar-ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż, ghal bilanċ dovut rizultanti minnu dik ir-ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż gudizzjarji tibqa' dejjem is-sentenza li tiġi eżegwita, u mhux ir-ratizzazzjoni. Wahda mill-konsegwenzi ta' dana l-prinċipju hija illi, jekk ir-ratizzazzjoni tiġi approvata mill-partijiet wara li jghaddu tliet snin mill-prolazzjoni tas-sentenza relativa, ikun dejjem neċessarju li tiġi reża eżegwibili s-sentenza bil-mod li timponi l-liġi qabel ma jinhareġ mandat ghall-ispejjeż;

Illi l-approvazzjoni tar-ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż gudizzjarji hija presuppost neċessarju ghall-eżekuzzjoni tal-kap ta' l-ispejjeż tas-sentenza; u sakemm ma tiġix approvata r-ratizzazzjoni, l-imsemmija eżekuzzjoni hija ostakolata; u appuntu dan l-ostakolu jiġi rimoss bl-approvazzjoni, volontarja jew gudizzjarja. Ghalhekk din l-approvazzjoni hija l-inizju ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza fil-kap ta' l-ispejjeż, mhux diversament kif l-interpellazzjoni gudizzjarja rikjesta mill-art. 254 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili hija l-inizju ta' l-eżekuzzjoni ta' l-att eżekutivi enumerati fl-inċiżi (b) (c) (d) ta' l-art 251 ta' l-istess Proċedura;

Illi huwa wkoll motiv ta' spedjenza illi l-kwistjonijiet rigward l-ispejjeż gudizzjarj jiġu konoxxuti mit-tribunal li jkun emana s-sentenza. Dan il-motiv induċa l-leġislatur Franċiż u dak Taljan jiddisponu espressament illi l-azzjonijiet ghall-pagament ta' spejjeż gudizzjarji huma ta' kompetenza ta' l-awtorità gudizzjarja li tkun hadet konjizzjoni tal-kawża (art. 103 Kodiċi Taljan u 60 Kodiċi Franċiż). Il-Garguilo (Codice di Procedura Civile, Vol. I, p. 283) jenkomja din id-disposizzjoni, u jikkonkjudi illi "siffatta competenza, per connessione o continenza di causa, è molto bene stabilita; perchè l'autorità che ha giudicato la lite può meglio conoscere della quistione delle spese";

Illi fil-prattika forensi Maltija l-kawżi għall-approvazzjoni ta' ratizzazzjoni ġew dejjem introdotti quddiem il-Qorti li tkun iddeċidiet il-kawża u kkundannat fl-ispejjeż, bħala parti mill-istess eżekuzzjoni tas-sentenza, u qatt ma kien hemm każ illi ġiet proposta quddiem dawn il-Qrati azzjoni għall-approvazzjoni ta' ratizzazzjoni ta' spejjeż ta' kawża deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, non ostanti li l-ispejjeż ma kienux jeċċedu £10;

Illi argument ieħor li l-leġislatur malti ried illi l-eżekuzzjoni ta' l-ispejjeż ispetta unikament lill-Qorti li tkun emanat is-sentenza jingibed mill-fatt illi l-istess liġi kriminali, fl-art. 393, stabbiliet illi għall-ispejjeż tal-kawżi kriminali, fil-każi li l-Qorti tippronunzja kundanna għall-pagament tagħhom, il-kreditur jagixxi quddiem l-istess Qorti Kriminali bl-istess mod kif jeżegwixxi sentenzi ċivili (ara wkoll P.A. 28 ta' Fra. 1941, "Gatt vs Maunder", XXXII-I-19);

Illi għalhekk, una volta li l-aprovazzjoni tar-ratizzazzjoni hija konnessa intimament, u l-istadju inizjali ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza fil-kap ta' l-ispejjeż, l-azzjoni kellha tiġi proposta quddiem il-Board tal-Kera;

Illi għal dan ma hux ta' ostakolu dak li ssottometta l-attur fin-nota tiegħu, illi "il-kompetenza ta' dana l-Board hija speċjali u limitata biss għal żewġ oġġetti—fissazzjoni tal-"fair rent" u ripreża tal-pussess ta' fondi". Infatti l-art. 21 (2) tal-Kap. 109 jgħid illi "the enforcement of the decisions of the Board in the manner prescribed in the Code of Organisation and Civil Procedure shall rest in the Board itself". Għal hekk, jekk l-approvazzjoni tar-ratizzazzjoni hija l-eżekuzzjoni tas-sentenza, il-Board għandu l-kompetenza li jieħu konjizzjoni tagħha; diversament, billi skond l-art. 21 (1) tal-Kap. 109 il-poteri tal-Board huma dawk tal- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kienet tkun din ta' l-aħħar kompetenti għal kawżi simili, u mhux din il-Qorti;

Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut hija fondata;

Illi, kwantu għat-tieni domanda, għall-ħlas tal-bilanċ riżultanti mir-ratizzazzjoni, dina hija konsegwenza ta' l-ewwel, u għalhekk din il-Qorti lanqas hija kompetenti tieħu konjizzjoni tagħha, apparti l-kwistjoni kellhiex issir it-talba

ghall-kanonizzazzjoni, billi hemm ġa kanonizzazzjoni — kwistjoni li, stante li din il-Qorti tirritjeni ruhha inkompetenti, ma hemmx lok li tiġi nvestita;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur fol. 20, u fol. 21 iċ-ċitazzjoni tieghu, li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Trattat l-appell;**

**Ikkunsidrat;**

Ghandu jiġi, qabel xejn, rilevat li l-unika kwistjoni devoluta lil dina l-Qorti hija biss ta' l-inkompetenza; ghas-semplici raguni li dwar dan il-punt biss ippronunzjat ruhha l-Ewwel Qorti fis-sentenza impunjata, kif jidher eżuberantement ċar mit-termini ta' l-istess sentenza;

L-eċċezzjoni kienet ġiet moghtija f'dawn it-termini (fol. 6):— "Dr. Caruana jeċċepixxi preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti rigward l-ewwel domanda, peress illi r-ra izzazzjoni, li hija preordinata ghall-eżekuzzjoni tas-sentenza, ghandha tiġi approvata mill-Qorti li tat is-sentenza";

Issa, peress li din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni taghha superjuri, bis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 1952, iddikjarat irritu l-appell uniku miż-żewġ sentenzi tal-Board, ghalhekk ma hemmx hliet is-sentenza tal-Board; u ghalhekk l-istess termini li fihom hi konċepita l-eċċezzjoni, kif fuq miġjuba "verbatim", jimpurtaw neċessarjament li l-eċċezzjoni hi fis-sens li hu kompetenti l-Board tal-Kera, ghax dan kien it-tribunal li ta s-sentenza;

Biex jiġi żgumbrat it-terren minn punti ohra, ghandu jinghad li l-massima "ubi depositum ibi judicium" ma tajjutax lill-attur appellant fil-li tirradika l-kompetenza tal-Qorti Inferjuri, ghax l-attur, mhux talli mhux qed jitlob l-iżbank ta' depożitu, jew jaghmel kwistjoni fuqu, imma anzi qieghed espliċitament jipprexxindi minnu bil-kliem li hemm fl-avviż "inattiż id-depożitu eċċ.";

Lanqas tista' minn dan id-depożitu tiġi argumentata s-sottomissjoni tal-konvenut ghall-ġurisdizzjoni tal-Qorti In-

ferjuri; ghax il-kompetenza per materja hi haġa ta' ordni pubbliku, u mhix rinunzjabili;

Ikkunsidrat:

Lanqas ghandu x'jaqsam ma' dan l-appell ir-riljev, kontenut fl-ahhar nota tal-konvenut fil-kap. VIII taghha, fejn donnu qieghed jallarga l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza oltre t-termini li din kienet konċepita fil-verbal fol. 6 u jibbażaha fuq il-valur; ghax, kif inghad, l-eċċezzjoni sollevata u deċiża kienet dik biss fuq indikata, u dan l-appell hu ċirkoskritt ghal daqshekk biss, u xejn aktar;

Ikkunsidrat;

L-attur ghandu favur tieghu l-fatt li "prima facie" d-domanda hi ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri, fin-nuqqas ta' raġuni ohra in kuntrarju, fil-limiti ta' dan l-appell, allegata mill-konvenut, li dik l-istanza hi ta' kompetenza tal-Board tal-Kera, bhala t-tribunal li ta ż-żewġ sentenzi "de quibus agitur" (ara verbal fol. 6 akkoppjat mal-fatt, fuq rilevat, li l-Qorti ta' l-Appell ma ghamletx hlief iddikjarat null l-appell minnhom):

Ikkunsidrat:

Il-Board tal-Kera kif sewwa qalet din il-Qorti, Appell Superjuri "Mifsud vs. Carter ne.", 16 ta' Gunju 1947, ghandu funzjonijiet limitati. Ma jistghux dawk il-funzjonijiet jiġu estiżi b'mod li jigi moghtija lill-Board ġurisdizzjoni li ma ghandux u li lanqas kien intiż li jkollu;

Issa, kawża ta' ratizzazzjoni hi evidentement ta' natura ali li ma tidholx, la fl-iskop ġenerali tal-liġi Kap. 109, kif indikat fil-"Long Title", u lanqas fl-iskopijiet speċifiċi, li jidhru mid-dispożizzjonijiet tal-liġi stess. Jekk kwistjoni simili tigiex komplikata jew le ma hux rilevanti, ghax dak li hu rilevanti hu biss li hemm kontestazzjoni dwar materja li ma hix materja li tmiss l-iskop ġenerali jew l-iskopijiet speċifiċi tal Kap. 109;

Hu veru li l-ewwel subartikolu ta' l-art. 21 tal-Kap. 109 jghid li dan "l-Board ghandu l-istess poteri moghtija mill-Liġijiet Proċedurali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, imma dan ifisser biss, kif gie f'materja analoga rilevat fis-sentenza fuq ċitata "Mifsud vs. Carter ne.", li l-Board ghandu dawk il-

poteri f'materja proċedurali, u ma tista' qatt tfisser li l-ġurisdizzjoni tal-Board għandha tiġi amplifikata daqs dik tal-Qorti ordinarja, kif inhi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili; u, ċertament, kwistjoni ta' ġurisdizzjoni, li tmiss l-organament ġudizzjarju, toħroġ mil-limiti ta' sempliċi materja ta' proċedura;

Hu veru wkoll li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Board, skond it-tieni subartikolu ta' l-istess art. 21, tmiss lill-istess Board; imma dan hu veru sakemm si tratta ta' sempliċi eżekuzzjoni bil-mezzi stabbiliti fil-Kap. 15, mentri l-kwistjoni fuq ratizzazzjoni ma hix aktar sempliċi eżekuzzjoni, imma hi kwistjoni ġdida li toħroġ mill-funzjonijiet limitati tal-Board. Anzi l-fatt stess li hemm kwistjoni fuq ir-ratizzazzjoni ta' l-ispejjeż timpedixxi "pro tanto" l-proċess eżekutiv. Tant hu hekk li, avvolja l-ispejjeż, bħala inklużi f'kap tad-dispożitiv, huma parti mis-sentenza, li hi titolu eżekutiv, u normalment tkun biżżejjed il-proċedura eżekutiva, ċjo non ostanti l-kreditur hu ġustifikat jipproċedi b'ġudizzju separat għall-kundanna għall-ħlas "se ha ragione di prevedere che i suoi diritti sarebbero contestati qualora procedesse esecutivamente" (P.A. "Bonnici vs. Clinchant", 30 ta' Marzu 1898);

Għalhekk hu ċar li kawża dwar ratizzazzjoni ma hix dik ta' sempliċi eżekuzzjoni li tissemma fit-tieni subartikolu ta' l-art. 21 Kap. 109 fuq imsemmi;

L-argument miġjub fis-sentenza appellata, li fil-prattika forensi l-kawżi ta' ratizzazzjoni dejjem jinġiebu quddiem il-Qorti li tat is-sentenza, ma hux aċċettabili f'dan il-każ; għaliex il-Board ma hux Qorti ordinarja formanti parti mill-organament ġudizzjarju, imma tribunal eċċezzjonali b'funzjonijiet speċjali u ristretti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-kawża ta' kompetenza "per materia" tal-Qorti Inferjuri, u tirrimetti l-proċess lil dik il-Qorti għall-Kontinwazzjoni;

L-ispejjeż, tant ta' l-ewwel kemm ta' din it-tieni istanza, jithallsu mill-konvenut appellat.